MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' April, 2008

Talba Numru. 43/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Joan Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija disgha u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€ 839.25) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 6922 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Novembru, 2006 u April, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2007 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk tal-ittra uficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet  ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fl-1 ta' April, 2008 mill-Avukat Ivan Gatt u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset  li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------